Vienna Austria & Slovakia

5 ijiem

14 - 18 Diċembru

INŻURU: Vienna, Melk, Dachau, Schonbrunn Palace, Krems, Durstein, Bratislava

Prezz kull persuna
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

	Normali	Skontat
Kamra ta' tlett persuni	€645	€595
Kamra ta żewġ persuni	€645	€595
Kamra ta' persuna waħda	€775	€725
Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti	€500	€450
Half Board Supplement (4ikliet)		€80

Prezz jinkludi:
- Titjira Malta- Vienna- Malta ma' Airmalta
- 4 Iljieli - Hotel Ananas 4 stars
- Buffet breakfast kuljum
- Eskursjonijiet skond il-programm (eskluži l-entraturi, cable cars u boats)
- Taxxi ta-ajruport u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

L-Erbgħa 14 ta' Diċembru
Niltaghu l-ajruport ta'Malta fil-05:15am għat-titjira KM 514 li ttir fis-07:15 u naslu Vienna fid-09:20. Wara transfer bil-coach lejn il-belt ta' **Vienna** il-belt tal-valzi u l-kapitali ta' l-Awstrija. City tour mill-isbaħ fejn se naraw postijiet ta' nteress fosthom l-**Opera House, Parliament House, St Stephen's Cathedral, Belveder Palace, Uno City, Habsburg Palace** eċċ. Wara nibqgħu sejrin lej il-Hotel Ananas 4 star ġewwa Vienna.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru
Buffet breakfast, excursion mill-iżjed interessanti fejn se nżuru **Bratislava**, il-belt kapitali ta' **Slovakia**.Nżuru l-**Kastell** li jiddomina l-belt, panorama mill-isbaħ. Wara mmorru ċ-ċentru storiku mimli bini maestużbħal Main Square, Frantesztan Square eċċ. Wara jkollna ħin liberu biex nżuru l-Christmas Market.

Il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru
Breakfast ġurnata libera għax-shopping u personal sightseeing. Min irid jista' jmur ma' tour leader il-**Palazz majestuż ta' Schonbrunn** u l-ġonna tiegħu (trasport pubbliku u dħul extra). Din kienet ir-residenza tas-sajf tal-familja Habsburg. Min irid jista jżur il-ġonna tal-palazz u jgawdi x-xenarju spetakolari li joffru. Wara tista żżur il-Christmas Market ta' St Stephen Platz fejn ikun hemm għadd ta' stalls ibiegħu Christmas decorations, handcrafts, eċċ sintendi ma tonqos l'aroma tal-mulled wine. Filgħaxija ħarġa mal leader biex ingawdu l-belt ta' Vienna mixgħula.

Is-Sibt 17 ta' Diċembru
Excursion mill-iżjed interessanti li teħodna ġewwa l-wied ta' **Wachau**. Hawnhekk se naraw għadd ta' vilaġġi żgħar storiċi u ħelwin. Mat-triq se naraw kastelli, xenarju ta' muntanji żgħar kif ukoll il- famuża **Xmara Danube**, inżuru, li għandu storja ta' iżjed min 1000 sena, **Durstein** bid-djar u t-toroq antiki tiegħu u **Melk** bil-famuż monasteru stil barokk tal- Benedittini (dħul extra).Niritornaw il-lukanda, wara iċ-ċena ħarga mal-leader.

Il-Ħadd 18 ta' Diċembru
Wara li nieħdu buffet breakfast, transfer bil-coach lejn l-ajruport ta' Vienna għat titjira KM 515 li ttir fl-10.30 u naslu lura Malta fis-12.40.